MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 707/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**Vs**

Noel Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat Noel Aquilina ta' karta ta' identita' numru 40976(M) akkuzat talli f'dan l-ahhar xahar u qabel it-22 ta' April 2003 matul il-gurnata gewwa l-Hamrun:

1. xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' CD car stereo tal-ghamla Clarion li jiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 liema oggett gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif

ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
2. Li jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-ewwel opportunita' kif inqrat l-akkuza fl-liema ammissjoni l-imputat baqa jinsisti u jsostni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Li l-akkuzi jittrattaw ir-ricettazzjoni u r-recidiva.

Li l-imputat m'ghandux fedina penali sabiha.

Li ma dana kollu l-imputat wera li illum sab impieg u qieghed jikkura l-familja tieghu.

Li l-imputat gia ghamel perjodu l-habs in konnessjoni ma' reati kommessi minnu fil-passat u jidher, fil-fehma tal-Qorti, li perjodu ta' prigunerija f'dan il-kaz ser ikollu effetti distabilizzanti meta l-imputat illum irriforma ruhu.

Ghaldaqstant u fil-waqt li ssibu hati tar-reati kontrih dedotti tiddecidi li tikkoncedi l-imputat opportunita' sabiex ikompli jirriforma ruhu barra l-ambjent tal-habs u f'ambjent familjari. Rat l-artikolu 334, 49, 50 tal-Kap 9 u tpoggih taht ordni ta' probation ghal 18 il-xahar mill-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------